**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Konġunt Nru : 24/17AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-2 ta' Ottubru 2005 (vide kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn annessa bħala Dok. A) u minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-16 ta' Ottubru 2009 skont kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia, kopja ta' liema kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa w immarkata bħala "Dok. B";

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom illum stante li minbarra li ilhom għal ħafna snin ma jgħixu flimkien u ilhom separati de facto huma t-tnejn għandhom ħajja kompletament separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħrajn (ara l-affidavits tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala "Dok. C";

Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni speċifikament klawżola numru ħamsa (5), il-partijiet irrinunzjaw għad-driittijiet rispettivi tagħhom milli jitolbu l-manteniment mingħand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieg għall-ksieb tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar, 2017;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-16 ta' Ottubru, 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.